# GIMGHA TAL-PERSUNI B'DIZABILITÀ 2001
# MINI-PARLIAMENT

## L-ACCESSIBILITÀ, IL-PERSUNI B'DIZABILITÀ U S-SOCJETÀ TAGHNA

Onorevoli Mr. Speaker, sinjuri. Insellmilkom.

Is-suGGett li ser nindirizzakom dwaru llum huwa l-aktar wiehed li s-socjetà taghna tassocja maghna l-persuni b'dizabilità: l-accessibilità. Izda bhal hafna oqsma li huma parti mill-hajja taghna ta' kuljum, mhux dejjem nindunaw kemm hu suGGett kompless.

L-accessibilità l-aktar li nassocjawha hi mal-persuni li juzaw siGGu tar-roti. Ghalhekk, kif nisimghu din il-kelma, mill-ewwel nahsbu f'rampi, liftijiet, oghli ta' staffi tal-karozzi tal-linja, jew l-gholi tal-bankini. U nieqfu hemm. Rari, jekk qatt nahsbu li l-accessibilità tfisser xi haGa differenti ghal persuni b'nuqqasijiet differenti, u f'cirkostanzi differenti.

In-nuqqas ta' accessibilita` tolqot mhux biss lil min juza siggu tar-roti imma anke lil min ghandu problemi anqas severi ta' mobilita` u sahansitra lil min hu nieqes mid-dawl. Dan in-

nuqqas johloq problemi fil-hajja ta’ kuljum ta’ dawn il-persuni. Bizzejjed insemmu l-istat tal-bankini. Issib hafna minnhom li huma mkissrin, jew inkellha jkollhom arbli f'nofshom. Ohrajn ikollhom rampi li jwasslu ghal garaxxijiet, u li jfissru li l-bankina ma tibqax fuq livell wiehed. Hawnhekk tajjeb insemmu wkoll li l-bicca l-kbira tal-bankini m’ghandhomx rampi biex ikun hemm access facli ghalihom ghal min juza siggu tar-roti.

Nuqqas ta’ rampi u accessibilita` fizika jidher hafna wkoll f’hafna bini li hu ghall-uzu tal-pubbliku: knejjes, dipartimenti tal-gvern, postijiet ta' divertiment, biex insemmu ftit minnhom. Xi kultant, in-nies jahsbu li post hu accessibli ghax hemm lift gol-bini imma meta tmur issib li biex tidhol fil-bini jkun hemm it-tarag. Servizzi ohra bhat-trasport pubbliku, lattrini, kiosks tat-telefon ukoll mhumiex iddizinjati biex ikunu accessibli ghal kulhadd.

In-nuqqas ta’ accessibilita` f’dawn il-postijiet ifisser li xi persuni b’dizabilita` jiccahdu milli juzaw u jgawdu mis-servizzi li huma provduti f’dawn il-postijiet. Nghidu ahna, ma

jistghux jinqdew huma minn dipartiment tal-gvern jew ma jistghux imorru jaraw film ic-cinema.

Dan in-nuqqas hafna drabi gej minn nuqqas ta' hsieb u ta' pjanar. Il-bicca l-kbira ta' l-ambjent ta' madwarna inholoq minn u ghal persuni ta' eta', intelligenza, tul u sahha medja. Dan ifisser li l-kumplament tal-popolazzjoni (anzjani, tfal, persuni b'dizabilità u ohrajn) jibqghu barra. B'daqsxejn ta' hsieb u pjanar tajjeb m'hemm ghalfejn neskludu lil hadd.

Barra milli jgholli l-kwalita' tas-servizzi u jgholli l-valur tal-bini, l-ippjanar bi hsieb kulhadd jgholli wkoll l-kwalita' tal-hajja ta' l-individwi. Meta l-ambjent, is-servizzi u l-apparat ta' kuljum ikun ippjanat tajjeb, kollox jghin biex il-persuni b'dizabilità jkunu jistghu jghixu hajja aktar indipendenti u impenjata.

Billi huwa fl-interess ta' kulhadd li noholqu socjeta' inklussiva, nemfasizza li ghandu jsir sforz serju mill-partijiet kollha involuti, u mhux biss mill-awtoritajiet koncernati biss. Ahna, l-persuni b'dizabilità ghandna niccaqilqu u naraw aktar x'inhuma d-drittijiet taghna. Hadd daqsna ma

jista’ jkun jaf x’inhu dak li ghandna bzonn. Tajjeb li jkun hemm Genituri u persuni ohra li jaghmlu xoghol volontarju, biss hu importanti hafna li ghandhom ikunu l-persuni b’dizabilità nfushom li jkunu minn ta’ l-ewwel li jghatu sehemhom.

Il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b’Dizabilita`) li giet fis-sehh fl-1 ta’ Ottubru tas-sena l-ohra kienet pass ‘il quddiem kbir ghax hekk id-drittijiet ta’ persuni b’dizabilita` huma mnizzla fil-ligi Maltija. Imma ghad irid isir hafna xoghol biex dak li tghid il-ligi jsir realta`.

Grazzi.

---